MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1145/2002/1

**Marcellino u Maria Dolores konjugi Borg.**

**v.**

**Salvina Zammit.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2002, l-atturi ppremettew illi fil-11 ta' Mejju 2002, waqt li l-attur Marcellino Borg kien isuq il-motorcycle numru MAR-029 fiz-Zurrieq dan safa involut

f’incident stradali mal-car Fiat Uno numru IAD-217 misjuqa mill-konvenuta; illi fl-incident, oltre hsara fil-*motorcylce*, l-attur wegga' gravement u safa permanentament parzjalment dizabilitat; illi ghall-incident stradali msemmi kienet tahti l-konvenuta minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti meta harget minn triq laterali mmarkata STOP; illi l-konvenuta injorat is-sejha ta' l-istanti biex in segwitu ghall-incident thallashom id-danni lilhom dovuti; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident suriferit u ghad-danni li b’rizultat ta' l-istess sofrew l-atturi.

"2. Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

"Bl-ispejjez, komprizi Lm23 ta’ konsulti, dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Gunju, 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li hi ingunta ghas-subizzjoni.

B’nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-27 ta’ Jannar 2003, il-konvenuta eccepixxiet:

"1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi l-attrici Maria Dolores Borg ma hiex il-legittimu kontradittur stante li hija ma kienetx involuta fl-incident stradali mertu ta’ din il-kawza u ma soffriet l-ebda danni jew griehi a kawza ta’ dan l-istess incident.

"2. Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit, jigi eccepit illi l-konvenuta m’hiex responsabbli ghall-incident stradali tal-11 ta’ Mejju 2002 u dan billi l-incident mertu ta’ din il-kawza sehh unikament kawza tan-negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti attribwibbli lill-attur Marcellino Borg stante li kien l-istess attur Marcellino Borg li dahal fil-vettura tal-konvenuta li, fil-

hin ta' l-incident, kienet wieqfa, u dan kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-konvenuta ghal-liema raguni qieghda ssir il-kontro talba."

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn din allegat li l-atturi kien responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u talbet il-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati lilha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghall-istess kontro-talba pprezentata fil-5 ta’ Settermbru, 2003 li permezz taghha eccepixxew:

"1. Illi l-ewwel talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali kienet tahti l-konvenuta.

"2. Illi t-tieni talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda billi m’hemm ebda danni ta’ Salvina Zammit x’jigu likwidati fil-konfront ta' l-atturi – b’dana li jridu jigu, bla pregudizzju verifikati l-kontijiet tal-konvenuta.

"3. Isegwi li t-tielet talba ghandha tigi michuda ghax m’hemm ebda *quantum* li l-atturi ghandhom jigu kundannati jhallsu lil Salvina Zammit."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fl-24 ta’ Ottubru, 2005 bil-mod segwenti:
*“Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa’ t-talbiet kollha ta' l-attur u tillikwida d-danni li sofra ghas-somma ta’ sebat elef, tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm7,345)*[1] *u tikkundanna ghalhekk lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma msemmija ta’ sebat elef, tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm7,345) u*

[1] Illum €17,109.24

*imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum stess. Tilqa’ l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talbiet ta' l-attrici, liema kontro-talbiet huma ghalhekk michuda kollha u bl-ispejjez kollha tal-kawza komprizi dawk indikati fic-citazzjoni jithallsu mill-konvenuta.”*

U dana wara li ghamlet is-sewgenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Il-Qorti semghet ix-xhieda tal-WPS Isabelle Camilleri li xehdet dwar il-kontenut tar-*Road Accident Report* a fol 71 tal-process. Xehed ukoll l-attur fl-istess seduta li qal li kien ghaddej mit-triq imsemmija (Vjal ix-Xarolla) bil-mutur meta l-konvenuta li kienet gejja minn triq ohra waqfitlu fin-nofs u ghalkemm ipprova jevitaha ma rnexxilux u grat il-habta. Il-konvenuta esebiet affidavit fejn qalet li l-fatt li l-attur tkaxkar bil-mutur tieghu ma kellu x’jaqsam xejn mas-sewqan taghha; hija waqfet fuq l-istop sign u x’hin rat li ma kien hemm ebda traffiku gej harget ghal go Triq ix-Xarolla u semghet it-tkaxkir gej minn naha ta’ fuq tat-triq. Rat allura l-mutur ta' l-attur jitkaxkar ghal fuq il-vettura taghha. Maria Lourdes Caruana li kienet passiggiera maghha tista' tghid illi rrepetiet dan li qalet il-konvenuta fl-affidavit taghha a fol 106.

“Illi fir-rigward tar-responsabilita` tal-incident in kwistjoni ma hemmx wisq diffikolta`. L-incident gara fi Vjal ix-Xarolla, iz-Zurrieq u l-attur kien ghaddej bil-mutur tieghu mill-istess triq jew vjal. Il-konvenuta harget minn triq palesament laterali u cioe` Triq M Perez D’Alessio. Mill-iskizz a fol. 21 tal-process jidher car li l-attur kien fuq in-naha ta’ barra tat-triq u *semmai* kien ghaddej fuq il-lemin tat-triq izda dan il-fatt iktar jaddossa r-responsabilita` lill-konvenuta ghaliex ma tistax tghid li fegg minn naha fejn ma setghetx tistennih. Hemm zewg fatturi ohra li jimmilitaw kontra l-konveuta; il-presenza ta’ *Stop Sign* mit-triq fejn kienet gejja u li l-konfigurazzjoni tat-toroq hija ta’ *T-junction* u kwindi kien jinkombi fuqha li tieqaf u taghti d-dritta lil min ikun gej minn Vjal ix-Xarolla. Anke jekk kif qed tghid hi, il-konvenuta kienet wieqfa x’hin grat il-habta, dan ikun ifisser li kienet ta’ ostakolu lill-attur li kellu kull dritt jistenna li ma jsib ebda xkiel quddiemu meta kien ghaddej

minn dik it-triq. Ghalhekk ma kellu jkun hemm ebda kontestazzjoni li l-incident gara b'tort uniku tal-konvenuta li jew ma waqfitx fuq l-*istop sign* inkella harget u waqfet fit-triq principali u allura kkostitwiet ostakolu lill-attur. Il-Qorti hija iktar propensa li tahseb li l-konvenuta ma waqfitx *fejn kellha tieqaf* ghaliex hu difficli wiehed jaccetta li waqfet u regghet waqfet. Barra minn dan naqset li zzomm 'l hekk imsejjha *proper look out* ghaliex lill-attur ma ratux gej qabel ma semghet il-hsejjes tal-mutur jitkaxkar. Il-fatt li kienet qed issuq bil-mod ma jesenthiex mir-responsabilita` u anke jekk l-attur kien qed jeccedi fil-velocita` tieghu iktar milli kien imissu, l-kawza prossima ghall-incident kien il-fatt li l-konvenuta ma osservatx numru ta' regolamenti tat-traffiku. Sewwieq li jkun ghadu kif ghadda minn fuq *Stop Sign* ma jistax ma jinzammx responsabbli ghall incident.

"Kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Maria Vella Galea vs Oreste Sammut</u> (5 ta' Ottubru, 1998);

*"F'dan il-kuntest jassumi importanza determinanti l-istop sign fil-punt mnejn ikun hiereg il-konvenut. Mhux biss ghax hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien ser jirfes fi triq principali imma ukoll ghaliex jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jieqaf ihares biex jesplora triq principali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu li ppermetta t-traffiku fuq it-triq principali li jghaddi u li jkun jista' jirfes fuq it-triq principali bla ma jtellef b'xi mod lill-utenti tat-triq;*

*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides; "Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road." If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road it is an offence to disobey the sign an evidence of negligence on the part of the driver. (The Law of Negligence,* Charlesworth, 2nd Edition – pagni 82 *et seq.)*

“Barra minn dan l-iskizz jindika car li l-konvenuta qasmet it-triq kollha tant li l-incident gara fil-genb tat-triq u ftit hija kredibbli l-verzjoni taghha li waqfet darbtejn – u anke jekk waqfet certament waqfet fl-iktar post hazin biex tevita l-habta.

“Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jigi deciz l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall-incident stradali msemmi. Dan il-Qorti ser taghmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li nghataw mill-Qrati taghna in segwita tas-sentenza Butler vs Heard fl-1967.

“L-attur qed jirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta’ l-ewwel, il-partijiet qablu permezz ta’ verbal fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2005, illi l-mutur ta' l-attur gie dannegjat *beyond economic repair* u li l-valur tieghu kien ta’ seba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm750). Minn dan il-Qorti ser tnaqqas is-somma ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) ghall-hekk imsejjah *wreck value* u ghalhekk il-kumpens ghandu jkun sitt mija u hamsin Liri Maltin (Lm650). L-attur kellu ukoll hsara ohra billi nkisirlu t-telefon cellulari (hamsa u tmenin Lira Maltin {Lm85} skond id-dokument a fol 57) u mitt Lira Maltin (Lm100) spejjes medici (fol 58 u 59). Hallas ukoll tletin Lira Maltin (Lm30) biex issir l-istima tal-hsara (fol 60); b’kollox ghalhekk tmien mija u hamsa u sittin Liri Maltin (Lm865).

“Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-*lucrum cessans* li tipprezenta dejjem l-ikbar diffikultajiet. Kif sewwa rrimarka l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu din il-Qorti kif preseduta kellha diversi okkazzjonijiet tapplika r-regola adottata mis-sentenza Butler vs Heard fl-1967 mill-Qorti ta' l-Appell u hekk ser terga' taghmel f’din il-kawza. L-incident sehh fl-2002 meta l-attur kellu sitta u tletin (36) sena u ghalhekk illum hu ghandu sitta u erbghin (46) sena. It-tabib kirurgu kuranti ta' l-attur ikkalkola d-disabilita` tieghu in segwitu ghall-incident ghal hmistax fil-mija (15%) fil-waqt li l-espert inkarigat mill-Qorti l-kirurgu Mr. Sciberras kkonkluda li din id-disabilita` hija ta’ sittax fil-mija (16%). F’cirkostanzi simili l-Qorti tadotta l-istima ta' l-espert imqabbad minnha mhux ghaliex hija tiddistingwi bejn kirurgu u iehor izda ghal raguni strettament

procedurali billi ma jaghmilx sens li l-Qorti tinnomina espert u mbaghad ma toqghodx fuq il-fehma tieghu sakemm ma jkollha xi raguni biex taghmel dan. F’dan il-kaz imbaghad id-differenza hija tassew minima u dan jikkonferma li l-kirurgi in kwistjoni prattikament qablu ma' xulxin.

“L-attur huwa disokkupat u ghalhekk il-Qorti ser tahdem l-ammont pagabbli ghad-danni a bazi tal-paga minima u cioe` sittin Lira Maltin (Lm60) fil-gimgha u tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) fis-sena ghal perjodu ta’ hmistax-il sena peress li qatt ma hemm certezza ta’ kemm ikun baqghalu jahdem bniedem u iktar f’dan il-kaz meta l-attur ghadu disokkupat. Ghalhekk sittax fil-mija (16%) ta’ tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) ghal hmistax-il sena jammontaw ghal sebat elef u mitejn Lira Maltin (Lm7,200). Billi ghaddew tlett snin minn meta bdiet il-kawza il-Qorti ser tnaqqas ghaxra fil-mija (10%) minnflok is-soltu ghoxrin fil-mija (20%) minhabba li l-hlas qed isir f’daqqa (*lump sum payment*). Ghalhekk l-ammont isir sitt elef, erba’ mija u tmenin Liri Maltin (Lm6,480) li mieghu jizdiedu it-tmien mija u hamsa u sittin Lira Maltin (Lm865) fuq imsemmija ghal total ta’ sebat elef, tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm7,345).

“Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, din ukoll ser tigi michuda ghaliex il-hlas li ser jippercepixxi l-attur jaqa’ fil-komunjoni ta' l-akkwisti u kwindi mart l-attur ghandha interess fil-kawza.”

**L-appell tal-konvenuta Salvina Zammit.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors ipprezentat fid-19 ta’ Dicembru 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa’ l-aggravji taghha u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati u konsegwentement tilqa’ t-talbiet rikonvenzjonali taghha.

L-atturi appellati pprezentaw risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn sostnew li s-sentenza appellata hija gusta u

timmerita konferma u konsegwentement l-appell interpost jigi michud bl-ispejjez kontra l-konvenuta appellanti.

**L-aggravji tal-konvenuta appellanti.**

Il-konvenuta appellanti qieghda bazikament tressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn jirrigwardaw kemm il-kwistjoni ta’ responsabbilita` kif ukoll il-mod kif gew likwidati d-danni.

**Dwar ir-responsabbilita`**

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-mutur misjuq mill-attur skiddja u habat gewwa l-vettura misjuqa minnha mhux bhala rizultat tal-manuvra taghha meta harget minn triq sekondarja ghal fuq Vjal ix-Xarolla izda li dan kien skidja qabel. Inoltre qed jinghad li l-ispeed tal-mutur, qabel l-impatt, kif jixhdu li *skid marks* ta’ 65 metru, ghandu rilevanza ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghall-akkadut.

Qabel xejn din il-Qorti taghmel taghha dak li gie osservat fis-sentenza appellata li hawn qed nitkellmu fuq incident awtomobilistiku bejn vettura misjuqa fi triq principali, u cioe` dik ta' l-attur, ma' vettura li hierga minn triq sekondarja. Dan mhux biss minhabba il-konfigurazzjoni tat-toroq billi Vjal ix-Xarolla u Triq M.Perez D’Aleccio jiffurmaw hekk imsejha “T” *Junction* bi Vjal ix-Xarolla tkun il-parti il-minduda, izda ukoll minhabba l-fatt innegabbli li min ikun hiereg minn Triq M. Perez D’Aleccio ghandu **Stop Sign** vizibbli sew f’tarf it-triq qabel ma johrog fuq Vjal Ix-Xarolla. Ghalhekk a tenur tal-paragrafi 91, 92 u 93 tal-Highway Code ma hemm ebda dubbju li l-attur kellu d-dritta u li konsegwetement il-konvenuta kienet fid-dmir li tieqaf, izzomm *a proper lokk out* ghat-traffiku li jkun ghaddej fit-triq principali u tikkoncedi d-dritta lill-istess traffiku.

Din il-Qorti ma tistax taghti affidament ghall-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur skiddja <u>qabel</u> ma bdiet hierga hi ghal fuq it-triq principali, u dana billi fl-ewwel lok l-istess konvenuta ma gabet ebda prova ta’ dan izda biss

allegazzjonijiet, billi mhux normali li mutur – fi triq dritta u minghajr ostakoli – jiskiddja ta’ xejn b’xejn, u billi finalment kemm id-dikjarazzjoni ta' l-attur annessa mac-citazzjoni kif ukoll id-dikjarazzjoni tieghu *a tempo vergine* li saret lill-ufficjal inkarigat jikkontradixxu dak li qed tghid il-konvenuta. Infatti fir-*Road Accident Report* (a fol 21 tal-process) l-attur gie rapportat li qal hekk:
*“Jien kont gej minn naha ta’ fuq ta’ Vjal ix-Xarolla niezel lejn ir-Roundabout. Kif kont niezel rajt il-karozza wieqfa u ftit wara rajtha taqla’ biex iddur ghal vjal ix-xarolla ‘l fuq. Irrid nghid li l-vettura harget minn naha l-hazina tat-triq. Dak il-hin jien ippruvajt inzomm il-brejk izda l-mutur hareg minn tahti u jien bqajt sejjer mieghi* [recte: mieghu] *u hbat mal-karozza”*

Din ix-xiehda tispjega b’mod logiku dak li gara billi l-attur tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba l-emergenza subitaneja li holqitlu il-vettura tal-konvenuta meta harget ghal fuq it-triq principali.

Kien jinkombi fuq il-konvenuta li tara, u tara sew, jekk kienx gej traffiku fuq it-triq principali. Il-fatt li qatt ma rat il-mutur gej, fi triq dirtta ghal distanza konsiderevoli u meta dan kien qed jinsaq fuq in-naha tal-lemin tat-triq, iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta ma wzatx il-prudenza mehtiega u konsegwentement ghandha tirrispondi ghas-sinistru.

Dwar l-i*speed* allegat mill-konvenuta din il-Qorti ma tara ebda prova li tissostanzja din l-allegazzjoni. Il-fatt li l-mutur ta' l-attur ittraversa distanza konsiderevoli u cioe` 65 metru qabel l-impatt, ma jfissirx necessarjament li dan kien miexi bi speed eccessiv. Id-distanza hekk traversata kienet fi *skid* u mhux taht l-effet tal-brakes, u ghalhekk din id-distanza ma tirrifletti ebda speed.

Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Dwar il-likwidazzjoni tad-danni.**

Jibda biex jinghad li l-aggravju tal-konvenuta mhux indirizzat lejn dik il-parti tad-danni hekk maghrufa bhala

"*Damnum emergens*" infatti dwar dawn jidher li hemm qbil. L-ilment huwa indirizzat lejn l-hekk imsejha "*Lucrum cessans*" u cioe` dak il-kumpens li jigi likwidat fil-konfront tad-danneggat minhabba telf futur li dan jista' jsofri bhala konsewgenza ta' xi dizabilita` kagunata mill-incident.

F'dan ir-rigward l-appellanti qed tilmenta fuq tlett binarji u cioe` li fl-ewwel lok l-ewwel Qorti ghamlet zball meta kkunsidrat l-eta` ta' l-attur billi dan effettivament, dakinhar ta' l-incident, kellu 43 sena u mhux 36. Dan huwa minnu billi minn harsa lejn n-numru ta' l-*Identity Card* li tinsab imnizla fuq ir-*Road Accident Report* u li ma gietx kontestata, jidher li l-attur twieled fl-1958 u ghalhekk fid-data ta' l-incident kellu madwar 43 sena. Dan l-aggravju izda ma jidhrix gustifikat billi l-*multiplier* li gie adoperat ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni huwa ta' 15-il sena li, fil-fehma ta din il-Qorti, jaghmel *allowance* ghall-incertezzi tal-hajja. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Qed jinghad ukoll li minhabba l-fatt li l-attur ma kellux impieg, il-Qorti ma kienx messha wzat il-metodu solitu ta' paga multiplikata bin-numru ta' snin li fuq is-somma rizultanti jinghata ammont li jkun jirrispekkja d-dizabilita`, izda li l-Qorti kellha tuza d-diskrezzjoni taghha u takkorda somma aktar ragionevoli. Din il-Qorti izda tosserva li l-ewwel Qorti, fil-komputazzjoni tad-danni futuri, ikkunsidrat biss il-paga minima nazzjonali u, ghalkemm id-danni gew akkordati fuq firxa ta' hmistax-il sena, l-istess Qorti lanqas biss ikkunsidrat l-effetti ta' l-inflazzjoni fuq dik il-paga minima nazzjonali. Huwa risaput li fuq medda ta' zmien is-salarji joghlew u ghalhekk kien jkun xieraq li l-ammont jkun aktar minn dak kunsidrat bhala introjtu ghal fini tal-"*multiplier*". Dwar dan izda ma hemm ebda appell mill-attur u din il-Qorti ghalhekk thoss li l-ilment (tal-konvenuta) ma huwiex gustifikat.

Finalment il-konvenuta qed tilmenta dwar il-fatt li, kuntrarjament ghal prassi ta' dawn il-Qrati, l-ammont ossia l-percentwali, imnaqqsa minhabba l-fatt li d-danni ser jigu percepiti mmedjatament u mhux fuq firxa ta' snin, giet ridott ghal 10% minflok il-percentwali ta' 20% normalment imnaqqsa. Hawn din il-Qorti tara li l-konvenuta ghandha

ragun infatti jidher li bejn l-akkadut u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghada biss perjodu qasir u cioe` 3 snin u ghalhekk ma kienx hemm dewmien li jiggustifika riduzzjoni fil-*lump sum deduction* bhal ma jsir meta kawza simili ddum diversi snin. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrevoka dik il-parti tas-sentenza billi tirriduci l-ammont ta' danni "*Lucrum Cessans*" – likwidati mill-ewwel Qorti fis-somma ta' LM7,200 – b'ghoxrin fil-mija biex b'hekk l-ammont issa dovut taht dan il-kap jammonta ghal Euro 13,417.19. B'kollox ghalhekk, wara li tizdied is-somma ta' €2,014.90, dovuta bhala "*Damnum Emergens*" l-ammont pagabbli lill-attur jkun ta' Euro 15,432.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenuta billi tichdu in kwantu ghar-responsabbilita` u tilqghu limitatament kwantu ghall-ammont, u konsewgentement tirriforma s-sentenza appellata in kwantu jolqot l-ammontar tad-danni billi tiddikjara li d-danni dovuti lill-atturi jammontaw ghas-somma ta' hmistax-il elf erba' mija u tnejn u tletin Euro [Euro15,432] u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat lill-attur appellat, bl-imghax legali mid-data ta' l-ewwel sentenza; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti u dawk ta' dan l-appell jigu sopportati kwantu ghal disgha minn ghaxar partijiet mill-konvenuta appellanti u wiehed minn ghaxar parti mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------